MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Numru. 482/2008

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Philip Zammit, iben George, imwieled Ħamrun fit-2 ta' Ottubru, 1965

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli f'Mejju, 2008, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

a. iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali falsifikati

jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid; jew
b. għamel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew
c. xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbħin b'qerq;
u cioe' diversi DVDs b'films;
2. talli f'Mejju, 2008, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti
maghmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-
liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, għal qliegħ, jew bi skoop
ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor
irriproduċja jew ikkoopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għall-
bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-
jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u
protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 298(1)(a)(ċ)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf euro (€1,000). Minbarra dan tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tad-DVDs eżebiti u tordna ukoll il-konfiska tal-'computer tower' eżebit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------